Ġabra tal-ġurisprudenza

# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla)

15 ta' Ġunju 2023 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Sigurtà soċjali – Regolament (KE) Nru 883/2004 – Artikolu 3(1)(a) – Kunċett ta' 'benefiċċji tal-mard' – Kamp ta' applikazzjoni – Moviment liberu tal-ħaddiema – Artikolu 45 TFUE – Regolament (KE) Nru 492/2011 – Artikolu 7(2) – Vantaġġi soċjali – Differenza fit-trattament – Ġustifikazzjonijiet – COVID-19 – Iżolament ta' impjegati ordnat mill-awtorità nazzjonali tas-saħħa – Kumpens tal-imsemmija impjegati mill-persuna li timpjega – Rimbors tal-persuna li timpjega mill-awtorità kompetenti – Esklużjoni tal-ħaddiema fruntalieri iżolati bis-saħħa ta' miżura meħuda mill-awtorità tal-Istat ta' residenza tagħhom"

Fil-Kawża C-411/22,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva, l-Awstrija), permezz ta' deċiżjoni tal-24 ta' Mejju 2022, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-21 ta' Ġunju 2022, fil-proċedura

**Thermalhotel Fontana Hotelbetriebsgesellschaft mbH**

fil-preżenza ta':

**Bezirkshauptmannschaft Südoststeiermark,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla),

komposta minn M. L. Arastey Sahún, Presidenta tal-Awla, F. Biltgen (Relatur) u J. Passer, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Szpunar,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li rat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Thermalhotel Fontana Hotelbetriebsgesellschaft mbH, minn T. Katalan, Rechtsanwältin,

– għall-Gvern Awstrijak, minn A. Posch, J. Schmoll u F. Werni, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

– għall-Gvern Ċek, minn O. Serdula, M. Smolek u J. Vláčil, bħala aġenti,

– għall-Gvern Finlandiż, minn M. Pere, bħala aġent,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn B.-R. Killmann u D. Martin, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72), kif ukoll tal-Artikolu 45 TFUE u tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni (ĠU 2011, L 141, p. 1).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn Thermalhotel Fontana Hotelbetriebsgesellschaft mbH (iktar 'il quddiem "Thermalhotel Fontana") u l-Bezirkshauptmannschaft Südoststeiermark (l-Awtorità Amministrattiva tad-Distrett ta' Steiermark tal-Lvant, l-Awstrija, iktar 'il quddiem l-"awtorità amministrattiva") dwar ir-rifjut ta' din tal-aħħar li tikkumpensa lil Thermalhotel Fontana għal *lucrum cessans* imġarrab mill-impjegati tagħha matul il-perijodi ta' iżolament fid-djar rispettivi tagħhom fis-Slovenja u fl-Ungerija, imposti b'rabta mal-pandemija tal-COVID-19 mill-awtoritajiet kompetenti ta' dawn l-Istati Membri.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

#### *Ir-Regolament Nru 883/2004*

3 L-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 883/2004, intitolat "Oqsma koperti" jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Dan ir-Regolament għandu japplika għal-leġislazzjoni kollha li tikkonċerna l-fergħat li ġejjin tas-sigurtà soċjali:

(a) benefiċċji marbutin mal-mard;

[…]"

4 Skont l-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament:

"Sakemm dan ir-Regolament ma jgħidx mod ieħor, u fid-dawl tad-disposizzjonijiet speċjali ta' implimentazzjoni stabbiliti, għandu japplika dan li ġej:

[…]

(b) meta, taħt il-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru kompetenti, jkunu attribwiti ċerti effetti legali meta jseħħu ċerti fatti jew każijiet, dak l-Istat Membru għandu jqis fatti u każijiet simili li jseħħu fi kwalunkwe Stat Membru bħallikieku seħħew fit-territorju tiegħu."

*Ir-Regolament Nru 492/2011*

5 L-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 492/2011 jiddisponi, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. Ħaddiem ċittadin ta' xi Stat Membru ma jistax, fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, ikun trattat b'mod differenti minn ħaddiema nazzjonali minħabba ċ-ċittadinanza tiegħu fir-rigward ta' kwalunkwe kondizzjoni tal-impjieg u tax-xogħol, partikolarment fir-rigward ta' paga, tkeċċija u jekk hu jisfa' mingħajr xogħol, ingaġġ mill-ġdid jew impjieg mill-ġdid.

2. Huwa għandu jgawdi l-istess vantaġġi soċjali u ta' taxxa bħall-ħaddiema nazzjonali."

***Id-dritt Awstrijak***

6 L-Epidemiegesetz 1950 (il-Liġi dwar l-Epidemiji tal-1950), tal-14 ta' Ottubru 1950 (BGBl. 186/1950), hija applikabbli għall-kawża prinċipali fil-verżjoni tagħha tal-25 ta' Settembru 2020 (BGBl. I, 104/2020), fir-rigward tal-Artikoli 7 u 32 tagħha, u fil-verżjoni tagħha tal-24 ta' Lulju 2006 (BGBl. I, 114/2006), fir-rigward tal-Artikolu 17 tagħha (iktar 'il quddiem l-"EpiG").

7 Skont l-Artikolu 7 tal-EpiG, intitolat "Iżolament tal-morda":

"(1) Digriet jindika l-mard, li d-dikjarazzjoni tagħhom hija obbligatorja, li għalihom jistgħu jiġu ordnati miżuri ta' iżolament fir-rigward ta' persuni morda, issuspettati li huma morda jew issuspettati li huma kkontaminati.

(1a) Sabiex jiġi evitat it-tixrid ta' marda, li d-dikjarazzjoni tagħha hija obbligatorja, indikata f'digriet imsemmi fil-paragrafu 1, il-persuni morda, issuspettati li huma morda jew issuspettati li huma kkontaminati jistgħu jiġu iżolati jew ostakolati fil-kuntatti tagħhom mad-dinja esterna jekk, fid-dawl tan-natura tal-marda u tal-aġir tal-persuna kkonċernata, jeżisti riskju gravi u sinjifikattiv għas-saħħa ta' persuni oħra, li ma jistax jiġi eliminat permezz ta' miżuri inqas restrittivi. […]

[…]"

8 L-Artikolu 17 tal-EpiG, intitolat "Sorveljanza ta' ċerti persuni", jiddisponi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Il-persuni li għandhom jitqiesu bħala vetturi ta' mikrobi ta' marda, li d-dikjarazzjoni tagħhom hija obbligatorja, jistgħu jkunu suġġetti għal osservazzjoni jew għal sorveljanza speċjali mil-pulizija

responsabbli mis-saħħa. Dawn il-persuni jistgħu jkunu suġġetti għal obbligu partikolari ta' rrapportar, eżami mediku perjodiku u, fejn meħtieġ, diżinfettar u iżolament fid-dar tagħhom; jekk l-iżolament fid-dar tagħhom ma jkunx jista' jitwettaq b'mod raġonevoli, l-iżolament u l-provvista ta' ikel jistgħu jiġu ordnati f'bini previst għal dan l-għan."

9 L-Artikolu 32 tal-EpiG, intitolat "Kumpens għal *lucrum cessans*", huwa fformulat kif ġej:

"(1) Għandu jitħallas kumpens lill-persuni fiżiċi u ġuridiċi kif ukoll lis-soċjetajiet irregolati mid-dritt kummerċjali minħabba danni patrimonjali kkawżati mill-ostakolu għall-attività professjonali tagħhom, jekk u sa fejn

1. ikunu ġew iżolati konformement mal-Artikoli 7 jew 17,

[...]

u dan iwassal għal *lucrum cessans*.

[...]

(2) Il-kumpens għandu jkun dovut għal kull jum kopert mid-deċiżjoni amministrattiva msemmija fil-paragrafu 1.

(3) Il-kumpens lill-persuni li jinsabu f'relazzjoni ta' kuntratt ta' xogħol huwa kkalkolat abbażi tar-remunerazzjoni ordinarja fis-sens tal-Entgeltfortzahlungsgesetz [(il-Liġi dwar iż-Żamma tar-Remunerazzjoni)], BGBl. Nru 399/1974. Il-persuni li jimpjegaw għandhom iħallsuhom l-ammont tal-kumpens mogħti fid-dati normali tal-ħlas tar-remunerazzjoni fl-impriża. Id-dritt għal kumpens mingħand l-Istat Federali jiġi ttrasferit lill-persuna li timpjega fil-mument tal-ħlas. [...]

[...]"

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

10 Thermalhotel Fontana hija stabbilita fl-Awstrija fejn topera lukanda.

11 Matul ir-raba' trimestru tas-sena 2020, diversi impjegati ta' din il-lukanda ġew suġġetti għal testijiet ta' screening tal-COVID-19, li r-riżultat tagħhom kien pożittiv, fatt li Thermalhotel Fontana informat bih lill-awtorità tas-saħħa Awstrijaka.

12 Fid-dawl tal-fatt li dawn l-impjegati kienu jirrisjedu fis-Slovenja u fl-Ungerija, din l-awtorità ma imponietx fuqhom il-miżuri ta' iżolament imsemmija fid-dispożizzjonijiet tal-EpiG iżda informat lill-awtoritajiet kompetenti ta' dawn l-Istati Membri, li ordnaw lill-imsemmija impjegati perijodi ta' iżolament fid-djar rispettivi tagħhom.

13 Matul dawn il-perijodi ta' iżolament, Thermalhotel Fontana kompliet tħallas lill-impjegati kkonċernati r-remunerazzjonijiet tagħhom konformement, kif jirriżulta mill-osservazzjonijiet tal-Gvern Awstrijak, mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kodiċi Ċivili u tal-Angestelltengesetz

(il-Liġi dwar l-Impjegati) (BGBl. Nru 292/1921), fil-verżjonijiet tagħhom li jirriżultaw mill-Bundesgesetz (il-Liġi Federali) (BGBl. I Nru 74/2019), applikabbli sa fejn il-kuntratt ta' xogħol tagħhom kien irregolat mid-dritt Awstrijak.

14 Permezz ta' ittri tal-1 ta' Diċembru 2020, Thermalhotel Fontana talbet lill-awtorità amministrattiva, skont l-Artikolu 32 tal-EpiG, il-kumpens minħabba *lucrum cessans* imġarrab minn dawn l-impjegati matul il-perijodi ta' iżolament tagħhom, billi qieset lilha nnifisha ssurrogata fid-dritt tagħhom għal kumpens minħabba l-ħlas tar-remunerazzjoni tagħhom matul dawn il-perijodi. Permezz ta' deċiżjonijiet tad-29 ta' Diċembru 2020, dawn it-talbiet ġew miċħuda.

15 Il-Landesverwaltungsgericht Steiermark (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Steiermark, l-Awstrija) ċaħdet bħala infondati r-rikorsi ppreżentati kontra dawn id-deċiżjonijiet. Filwaqt li kkonstatat li d-dokumenti annessi mat-talbiet għal kumpens kienu deċiżjonijiet jew dikjarazzjonijiet minn awtoritajiet barranin li kienu jimponu miżura ta' iżolament fuq l-impjegati kkonċernati, din il-qorti indikat li hija biss deċiżjoni bbażata fuq miżura amministrattiva meħuda skont l-EpiG u li twassal għal *lucrum cessans* għall-impjegati li tagħti lok għad-dritt għal kumpens bis-saħħa ta' din il-liġi.

16 Thermalhotel Fontana ppreżentat kontra dawn id-deċiżjonijiet ta' ċaħda, rikorsi għal reviżjoni straordinarja quddiem il-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva, l-Awstrija), li hija l-qorti tar-rinviju, fejn ikkontestat il-konformità tal-Artikolu 32(1) u (3) tal-EpiG, kif interpretat mil-Landesverwaltungsgericht Steiermark (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Steiermark), mal-Artikolu 45 TFUE u mar-Regolament Nru 883/2004.

17 Skont il-qorti tar-rinviju, jekk il-kumpens imsemmi fl-Artikolu 32 tal-EpiG kellu jiġi kklassifikat bħala "benefiċċju tal-mard" fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Nru 883/2004, l-awtoritajiet u l-qrati Awstrijaċi jkollhom, konformement mal-Artikolu 5(b) tiegħu, jieħdu inkunsiderazzjoni deċiżjoni ta' iżolament meħuda minn Stat Membru ieħor daqslikieku kienet ittieħdet minn awtorità Awstrijaka. Madankollu, il-qorti tar-rinviju tqis li dan ma huwiex il-każ u li, għaldaqstant, l-imsemmi kumpens ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament. F'dan ir-rigward, hija tirrileva, l-ewwel, li l-benefiċjarju, prekluż milli jeżerċita l-attività professjonali tiegħu, huwa kkumpensat għal *lucrum cessans* mingħajr ma jkun neċessarjament marid, peress li miżura ta' iżolament setgħet tiġi imposta fuqu minħabba sempliċi suspett ta' mard jew ta' kontaminazzjoni. It-tieni, l-impożizzjoni ta' miżura ta' iżolament ma tirrigwardax il-fejqan tal-persuna iżolata iżda l-protezzjoni tal-popolazzjoni kontra l-kontaġju minn din il-persuna, u l-kumpens previst fl-Artikolu 32 tal-EpiG ma għandux l-għan li jikkumpensa l-ispejjeż tal-mard jew tat-trattament.

18 Fir-rigward tal-Artikolu 45 TFUE u tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 492/2011, il-qorti tar-rinviju tqis li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni timponi indirettament, bħala kundizzjoni għall-kumpens tal-persuna li timpjega, il-fatt li l-impjegati tagħha jirrisjedu fit-territorju nazzjonali u li din il-kundizzjoni għalhekk tikkostitwixxi inugwaljanza fit-trattament ta' ħaddiema bbażata indirettament fuq in-nazzjonalità ta' dawn tal-aħħar. F'dan ir-rigward, hija tirrileva li ħaddiema fruntalieri, bħal dawk impjegati minn Thermalhotel Fontana, li r-riżultati tagħhom f'testijiet ta' screening tal-COVID-19 kienu pożittivi, ma kinux, b'differenza mill-ħaddiema residenti fl-Awstrija li jinsabu fl-istess sitwazzjoni, iżolati mill-awtorità Awstrijaka. Madankollu, huma kienu jkunu suġġetti għal miżuri ta' iżolament paragunabbli ma' dawk imposti minn din l-awtorità skont il-miżuri fis-seħħ fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom, li għalihom l-EpiG ma tipprevedix dritt għal kumpens għal *lucrum cessans*. Il-qorti

tar-rinviju hija tal-fehma li l-fatt li hija l-persuna li timpjega li, wara li tkun ħallset ir-remunerazzjoni dovuta lill-ħaddiema hekk iżolati, tinvoka dritt għal kumpens sekondarju li jirriżulta mill-ħaddiema kkonċernati ma għandu ebda effett fuq din l-analiżi.

19 Bħala ġustifikazzjoni eventwali għal tali inugwaljanza fit-trattament, din il-qorti tqis li dik ibbażata fuq is-saħħa pubblika tista' tittieħed inkunsiderazzjoni, sa fejn l-osservanza tad-deċiżjonijiet ta' iżolament tista' tiġi kkontrollata mill-awtoritajiet Awstrijaċi biss fit-territorju nazzjonali, fejn is-sitwazzjoni tal-pandemija tista' tkun differenti minn dik prevalenti fi Stat Membru ieħor. Ġustifikazzjoni oħra tista' tinsab fil-fatt li l-Istat Awstrijak huwa unikament responsabbli għall-ostakolu għall-attività salarjali tal-ħaddiem suġġett għal miżura ta' iżolament ordnata mill-awtoritajiet Awstrijaċi. Għaldaqstant, il-ħaddiema fruntalieri li huma s-suġġett ta' miżuri ta' iżolament ordnati mill-awtoritajiet tal-Istat Membru ta' residenza tagħhom jistgħu jiġu orjentati mill-ġdid lejn dan l-Istat sabiex jitolbu l-benefiċċju tal-iskemi ta' kumpens eventwalment eżistenti fih. Fi kwalunkwe każ, il-qorti tar-rinviju għandha dubju dwar il-proporzjonalità tal-inugwaljanza fit-trattament ikkonċernata.

20 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-ammont ta' kumpens dovut lill-ħaddiema matul l-iżolament tagħhom bħala persuni ikkontaminati bil-COVID-19 jew issuspettati li huma kkontaminati bil-COVID-19, għad-dannu pekunjarju kkawżat mill-fatt li ma setgħux iwettqu l-attività professjonali tagħhom, u li jitħallas inizjalment mill-persuna li timpjega lill-ħaddiema, fejn id-dritt għall-kumpens mingħand l-Istat Federali jiġi sussegwentement ittrasferit lill-persuna li timpjega meta jsir il-ħlas, tikkostitwixxi benefiċċju marbut mal-mard fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament [Nru 883/2004]?

2) Fil-każ li tingħata risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda[, l]-Artikolu 45 TFUE u l-Artikolu 7 tar-Regolament [Nru 492/2011], għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li l-għoti ta' kumpens għal telf ta' dħul imġarrab mill-ħaddiema minħabba l-iżolament tagħhom ordnat mill-awtoritajiet tas-saħħa fil-każ ta' test pożittiv tal-COVID-19 (fejn il-kumpens jitħallas inizjalment mill-persuna li timpjega lill-ħaddiema u d-dritt għall-kumpens mingħand l-Istat Federali jiġi sussegwentement ittrasferit lill-persuna li timpjega) huwa suġġett għall-kundizzjoni li l-iżolament jiġi ordnat minn awtorità interna abbażi ta' dispożizzjonijiet epidemjoloġiċi tad-dritt nazzjonali, bil-konsegwenza li l-ħaddiema fruntaliera li jirrisjedu fi Stat Membru ieħor u li l-iżolament tagħhom ('kwarantina') jiġi ordnat mill-awtoritajiet tas-saħħa tal-Istat Membru ta' residenza tagħhom, ma jingħatawx tali kumpens?"

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq l-ewwel domanda*

21 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Nru 883/2004 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-kumpens, iffinanzjat mill-Istat, li jingħata lill-ħaddiema impjegati għad-danni patrimonjali kkawżati mill-ostakolu għall-attività professjonali tagħhom matul l-iżolament tagħhom bħala persuni

morda jew issuspettati li huma morda bil-COVID-19 jew li huma kkontaminati minnha, jikkostitwixxix "benefiċċju tal-mard", imsemmi f'din id-dispożizzjoni, u jaqa' għalhekk fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament.

22 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, id-distinzjoni bejn il-benefiċċji li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 883/2004 u dawk li huma esklużi minnu hija bbażata essenzjalment fuq l-elementi li jikkostitwixxu kull benefiċċju, b'mod partikolari l-għanijiet u l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' dan, u mhux fuq il-fatt jekk benefiċċju huwiex ikklassifikat jew le bħala benefiċċju tas-sigurtà soċjali mil-leġiżlazzjoni nazzjonali (sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, A (Kura tas-saħħa pubblika), C-535/19, EU:C:2021:595, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 Għalhekk, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li benefiċċju jista' jiġi kkunsidrat bħala benefiċċju tas-sigurtà soċjali sa fejn, minn naħa, il-benefiċċju jingħata lill-benefiċjarji, irrispettivament minn kull evalwazzjoni individwali u diskrezzjonali tal-bżonnijiet personali, fuq il-bażi ta' sitwazzjoni ddefinita legalment u sa fejn, min-naħa l-oħra, ikun relatat ma' wieħed mir-riskji indikati espressament fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 883/2004. Dawn iż-żewġ kundizzjonijiet huma kumulattivi (sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, A (Kura tas-saħħa pubblika), C-535/19, EU:C:2021:595, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

24 Fir-rigward tal-ewwel kundizzjoni msemmija fil-punt preċedenti, għandu jitfakkar li din tkun issodisfatta meta l-għoti ta' benefiċċju jitwettaq fid-dawl ta' kriterji oġġettivi li, ladarba jkunu ssodisfatti, jagħtu d-dritt għall-benefiċċju b'mod li l-awtorità kompetenti ma tkunx tista' tieħu inkunsiderazzjoni ċirkustanzi personali oħra (sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, A (Kura tas-saħħa pubblika), C-535/19, EU:C:2021:595, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).

25 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li din l-ewwel kundizzjoni hija ssodisfatta, sa fejn il-benefiċċju inkwistjoni fil-kawża prinċipali jingħata abbażi ta' kriterji oġġettivi ddefiniti legalment, mingħajr ma l-awtorità kompetenti tieħu inkunsiderazzjoni ċirkustanzi personali oħra tal-ħaddiema impjegati minbarra t-tqegħid tagħhom f'iżolament u l-ammont tar-remunerazzjoni ordinarja tagħhom.

26 Fir-rigward tat-tieni kundizzjoni stabbilita fil-punt 23 ta' din is-sentenza, għandu jitfakkar li l-Artikolu 3(1)(a) tal-imsemmi regolament isemmi espliċitament il-"benefiċċji tal-mard".

27 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-"benefiċċji tal-mard", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, għandhom bħala għan essenzjali l-fejqan tal-pazjent, billi jipprovdu l-kura meħtieġa mill-istat tagħha, u jkopru, għalhekk, ir-riskju marbut ma' stat patoloġiku (sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, A (Kura tas-saħħa pubblika), C-535/19, EU:C:2021:595, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

28 Issa, dan ma huwiex il-każ ta' kumpens bħal dak previst fl-Artikolu 32 tal-EpiG.

29 Fil-fatt, minn naħa, sabiex jinkiseb tali kumpens, huwa irrilevanti jekk il-persuna li tkun is-suġġett ta' miżura ta' iżolament abbażi tal-EpiG tkunx realment marida jew le, jew li, f'dan il-każ, ir-riskju marbut mal-marda tal-COVID-19 jimmaterjalizzax ruħu jew le, peress li huwa biżżejjed, sabiex tkun hekk iżolata, li din il-persuna tkun issuspettata li hija marida bil-COVID-19 jew li tkun ikkontaminata minnha. Min-naħa l-oħra, l-iżolament li dan il-kumpens huwa intiż li jinkoraġġixxi l-osservanza tiegħu huwa impost mhux għall-finijiet tal-fejqan tal-persuna iżolata iżda sabiex tiġi protetta l-popolazzjoni kontra l-kontaġju minn din tal-aħħar.

30 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Nru 883/2004 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kumpens, iffinanzjat mill-Istat, li jingħata lill-ħaddiema impjegati għad-danni patrimonjali kkawżati mill-ostakolu għall-attività professjonali tagħhom matul l-iżolament tagħhom bħala persuni morda jew issuspettati li huma morda bil-COVID-19 jew li huma kkontaminati minnha, ma jikkostitwixxix "benefiċċju tal-mard", imsemmi f'din id-dispożizzjoni, u għalhekk ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament.

### *Fuq it-tieni domanda*

31 Fid-dawl tar-risposta negattiva mogħtija għall-ewwel domanda, hemm lok li tingħata risposta għat-tieni domanda, li permezz tagħha l-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 45 TFUE u l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 492/2011 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li bis-saħħa tagħha l-għoti ta' kumpens għal *lucrum cessans* imġarrab mill-ħaddiema minħabba iżolament ordnat wara riżultat pożittiv għat-test ta' screening tal-COVID-19 huwa suġġett għall-kundizzjoni li l-impożizzjoni tal-miżura ta' iżolament tiġi ordnata minn awtorità ta' dan l-Istat Membru skont din il-leġiżlazzjoni.

32 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Artikolu 45(2) TFUE jipprevedi li l-moviment liberu tal-ħaddiema jimplika l-abolizzjoni ta' kull diskriminazzjoni, ibbażata fuq in-nazzjonalità, bejn il-ħaddiema tal-Istati Membri, għal dak li jirrigwarda l-impjieg, ir-remunerazzjoni u l-kundizzjonijiet l-oħra tax-xogħol.

33 Il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament stabbilit f'din id-dispożizzjoni huwa kkonkretizzat ukoll fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/2011, li jispeċifika li l-ħaddiem ċittadin ta' Stat Membru jibbenefika, fit-territorju tal-Istati Membri l-oħra, mill-istess vantaġġi soċjali u fiskali bħall-ħaddiema nazzjonali (sentenza tat-28 ta' April 2022, Gerencia Regional de Salud de Castilla y León, C-86/21, EU:C:2022:310, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

34 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 7(2) tal-imsemmi regolament jibbenefika mingħajr distinzjoni kemm il-ħaddiema migranti residenti fi Stat Membru ospitanti kif ukoll il-ħaddiema fruntalieri li, filwaqt li jeżerċitaw l-attività salarjali tagħhom f'dan l-Istat Membru tal-aħħar, jirrisjedu fi Stat Membru ieħor (sentenza tat-2 ta' April 2020, Caisse pour l'avenir des enfants (Wild tal-konjuġi ta' ħaddiem fruntalier), C-802/18, EU:C:2020:269, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

35 Il-kunċett ta' "vantaġġ soċjali" estiż permezz tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/2011 għall-ħaddiema ċittadini ta' Stati Membri oħra jinkludi l-vantaġġi kollha, irrispettivament minn jekk humiex jew le marbuta ma kuntratt tax-xogħol, li huma ġeneralment irrikonoxxuti lill-ħaddiema nazzjonali, minħabba prinċipalment il-kwalità oġġettiva tagħhom ta' ħaddiema jew minħabba s-sempliċi fatt tar-residenza tagħhom fit-territorju nazzjonali, u li l-estensjoni tagħhom għall-ħaddiema ċittadini ta' Stati Membri oħra tidher għalhekk li hija xierqa sabiex tiffaċilita l-mobbiltà tagħhom fi ħdan l-Unjoni u, għaldaqstant, l-integrazzjoni tagħhom fl-Istat Membru ospitanti u r-riferiment li jsir f'din id-dispożizzjoni għall-vantaġġi soċjali ma jistax jiġi interpretat b'mod restrittiv (sentenza tas-16 ta' Ġunju 2022, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija (Indiċjar tal-benefiċċji tal-familja), C-328/20, EU:C:2022:468, punt 95 u l-ġurisprudenza ċċitata).

36 Għandu jiġi kkunsidrat li kumpens, bħal dak imsemmi fl-Artikolu 32 tal-EpiG, jikkostitwixxi tali "vantaġġ soċjali". Fil-fatt, skont il-kliem stess tal-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu, huwa jitħallas, b'mod partikolari, lill-persuni iżolati skont din il-liġi minħabba danni patrimonjali kkawżati mill-ostakolu għall-attività professjonali tagħhom.

37 Hija ġurisprudenza stabbilita li r-regola ta' ugwaljanza fit-trattament stabbilita fl-Artikolu 45(2) TFUE u fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/2011 tipprojbixxi mhux biss diskriminazzjoni ċara, ibbażata fuq in-nazzjonalità, iżda wkoll kull forma moħbija ta' diskriminazzjoni li, permezz tal-applikazzjoni ta' kriterji distintivi oħra, twassal fil-fatt għall-istess riżultat. Għalhekk, dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali, minkejja li tkun applikabbli mingħajr distinzjoni skont in-nazzjonalità, għandha titqies li hija indirettament diskriminatorja meta, min-natura tagħha stess, tista' taffettwa iktar lill-ħaddiema li huma ċittadini ta' Stati Membri oħra milli lill-ħaddiema nazzjonali u, konsegwentement, taf tqiegħed fi żvantaġġ b'mod iktar partikolari lil dawk tal-ewwel, sakemm din ma tkunx oġġettivament iġġustifikata u proporzjonata mal-għan imfittex (sentenza tat-8 ta' Diċembru 2022, Caisse nationale d'assurance pension, C-731/21, EU:C:2022:969, punti 31 u 32 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

38 Fil-kawża prinċipali, huwa stabbilit li l-kumpens imsemmi fl-Artikolu 32 tal-EpiG jingħata biss lill-persuni iżolati skont din il-liġi, b'mod partikolari l-Artikoli 7 u 17 tagħha. Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-persuni hekk iżolati jirrisjedu bħala regola ġenerali fit-territorju Awstrijak. Għall-kuntrarju, il-ħaddiema fruntalieri inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jirrisjedu fi Stat Membru ieħor, ma ġewx iżolati skont l-imsemmija liġi iżda b'applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni sanitarja tal-Istat ta' residenza tagħhom. Konsegwentement, id-danni patrimonjali kkawżati mill-iżolament tagħhom ma humiex ikkumpensati skont l-imsemmi Artikolu 32.

39 Minn dan jirriżulta, kif tenfasizza l-qorti tar-rinviju, li l-eliġibbiltà għal dan il-kumpens hija indirettament marbuta ma' kundizzjoni ta' residenza fit-territorju Awstrijak. Issa, konformement mal-kriterji li jirriżultaw mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 37 ta' din is-sentenza, tali kundizzjoni ta' residenza fit-territorju nazzjonali tikkostitwixxi, fl-assenza ta' ġustifikazzjoni, diskriminazzjoni indiretta sa fejn din tista', min-natura tagħha stess, taffettwa iktar lill-ħaddiema migranti milli lill-ħaddiema nazzjonali u, konsegwentement, taf tisfavorixxi b'mod iktar partikolari lil tal-ewwel (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' April 2020, PF *et*, C-830/18, EU:C:2020:275, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

40 Din il-konklużjoni ma hijiex affettwata mill-fatt li, bis-saħħa tal-Artikolu 32(3) tal-EpiG, huma l-persuni li jimpjegaw il-ħaddiema milquta minn miżura ta' iżolament skont din il-liġi li huma obbligati li jħallsuhom l-ammont tal-kumpens u li jżommu, minħabba dan il-fatt, kreditu kontra l-Istat, filwaqt li, għall-ħaddiema fruntalieri, iżolati skont il-leġiżlazzjoni sanitarja ta' Stat Membru ieħor, dawn il-persuni li jimpjegaw ma għandhomx id-dritt, abbażi tal-EpiG, li jiġu kkumpensati mill-Istat Awstrijak għar-remunerazzjoni li huma jkomplu jħallsu lil dawn tal-aħħar matul l-iżolament tagħhom.

41 Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li r-regoli fil-qasam tal-moviment liberu tal-ħaddiema jkunu jistgħu jiġu faċilment ostakolati kieku kien suffiċjenti għall-Istati Membri, sabiex jaħarbu mill-projbizzjonijiet stabbiliti minnhom, li jimponu fuq il-persuni li jimpjegaw, għall-finijiet tal-impjieg ta' ħaddiem, kundizzjonijiet li dan għandu josserva u li, jekk dawn jiġu direttament imposti fuqu, ikunu jikkostitwixxu restrizzjonijiet għall-eżerċizzju tad-dritt għall-moviment liberu li dan jista' jinvoka bis-saħħa tal-Artikolu 45 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Settembru 2014, Schiebel Aircraft, C-474/12, EU:C:2014:2139, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

42 Fir-rigward tal-eżistenza ta' ġustifikazzjoni oġġettiva, fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 37 ta' din is-sentenza, il-qorti tar-rinviju kif ukoll il-Gvern Awstrijak isemmu l-għan tas-saħħa pubblika, sa fejn il-kumpens għal *lucrum cessans* matul il-perijodu ta' iżolament huwa intiż sabiex jiffavorixxi l-osservanza tiegħu bħala miżura meħuda mill-awtoritajiet tas-saħħa sabiex titnaqqas ir-rata ta' infezzjonijiet. F'dan il-kuntest, il-kumpens għall-miżuri ta' iżolament ordnati taħt l-EpiG biss huwa ġġustifikat mill-fatt li l-osservanza ta' tali miżuri tista' tiġi kkontrollata biss fit-territorju nazzjonali.

43 F'dan ir-rigward, għandu, ċertament, jitqies li huwa fl-interess tas-saħħa pubblika, li tippermetti, b'mod partikolari, konfinament mal-Artikolu 45(3) TFUE, li jiġi limitat il-moviment liberu tal-ħaddiema, li jiġu imposti miżuri ta' iżolament, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, u li l-ħlas ta' kumpens ikun previst sabiex tiġi inkoraġġuta l-osservanza tagħhom.

44 Madankollu, il-kumpens unikament għall-persuni iżolati skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, f'dan il-każ l-EpiG, bl-esklużjoni, b'mod partikolari, tal-ħaddiema migranti iżolati bis-saħħa tal-miżuri sanitarji fis-seħħ fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom, ma jidhirx li huwa xieraq sabiex jintlaħaq dan l-għan. Fil-fatt, kumpens għal tali ħaddiema migranti jista' wkoll jinkoraġġixxi lil dawn tal-aħħar josservaw l-iżolament impost fuqhom, u dan għall-benefiċċju tas-saħħa pubblika. Barra minn hekk, fir-rigward tal-possibbiltà li tiġi kkontrollata l-osservanza tal-iżolament, jidher, bla ħsara għall-verifika li għandha ssir mill-qorti tar-rinviju, li l-kumpens imsemmi fl-Artikolu 32 tal-EpiG jingħata lill-persuni eliġibbli minħabba l-impożizzjoni ta' miżura ta' iżolament fir-rigward tagħhom u mhux minħabba l-osservanza tagħhom.

45 Il-qorti tar-rinviju u l-Gvern Awstrijak isostnu wkoll, bħala ġustifikazzjoni eventwali, li l-kumpens biss għall-persuni iżolati skont l-EpiG jirriżulta mill-fatt li huwa biss fir-rigward ta' dawn il-persuni li l-Istat Awstrijak huwa responsabbli għall-ostakolu għall-attività professjonali kkawżat mill-miżura ta' iżolament u li l-ħaddiema migranti iżolati skont il-leġiżlazzjoni sanitarja tal-Istat Membru ta' residenza tagħhom jistgħu jorjentaw ruħhom lejn l-awtoritajiet kompetenti ta' dan l-Istat sabiex jinvokaw id-dritt eventwali tagħhom għal kumpens bis-saħħa ta' din il-leġiżlazzjoni.

46 Issa, tali argument ma jirrigwardax, bħala tali, għan partikolari li jista' jiġġustifika ostakolu għall-moviment liberu tal-ħaddiema. Sa fejn, kif josserva, b'mod partikolari, il-Gvern Ċek, dan huwa bbażat fuq ix-xewqa li tiġi limitata l-ispiża finanzjarja tal-kumpens imsemmi fl-Artikolu 32 tal-EpiG, għandu jitfakkar li, għalkemm kunsiderazzjonijiet baġitarji jistgħu jkunu l-bażi għall-għażliet ta' politika soċjali ta' Stat Membru u jinfluwenzaw in-natura jew il-portata tal-miżuri ta' protezzjoni soċjali li huwa jkun jixtieq jadotta, huma madankollu ma humiex fihom innifishom l-għan imfittex minn din il-politika u, għalhekk ma jistgħux jiġġustifikaw diskriminazzjoni kontra ħaddiema migranti (sentenza tal-20 ta' Ġunju 2013, Giersch *et*, C-20/12, EU:C:2013:411, punt 51 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

47 F'dan il-kuntest, anki jekk, kif isostni l-Gvern Awstrijak, ir-rifjut li jingħata kumpens għal *lucrum cessans* ikkawżat mill-miżuri ta' iżolament mhux ordnati skont l-Artikolu 32 tal-EpiG huwa intiż sabiex jiġi evitat l-arrikkiment indebitu ta' ħaddiema migranti wkoll ikkumpensati mill-Istat Membru ta' residenza tagħhom għall-iżolament impost mill-awtoritajiet kompetenti ta' dan l-Istat, għandu jiġi kkonstatat li tali rifjut imur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jiġi evitat tali kumpens żejjed. Fil-fatt, kif irrilevat il-Kummissjoni, sabiex tiġi eskluża din il-possibbiltà, huwa biżżejjed li, fl-għoti tal-kumpens, l-awtoritajiet Awstrijaċi jieħdu inkunsiderazzjoni l-kumpens diġà mħallas jew dovut skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor, jekk ikun il-każ billi jnaqqsu l-ammont.

48 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikolu 45 TFUE u l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 492/2011 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li bis-saħħa tagħha l-għoti ta' kumpens għal *lucrum cessans* imġarrab mill-ħaddiema minħabba iżolament ordnat wara riżultat pożittiv għat-test ta' screening tal-COVID-19 huwa suġġett għall-kundizzjoni li l-impożizzjoni tal-miżura ta' iżolament tiġi ordnata minn awtorità ta' dan l-Istat Membru skont din il-leġiżlazzjoni.

**Fuq l-ispejjeż**

49 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali,**

   **għandu jiġi interpretat fis-sens li:**

   **il-kumpens, iffinanzjat mill-Istat, li jingħata lill-ħaddiema impjegati għad-danni patrimonjali kkawżati mill-ostakolu għall-attività professjonali tagħhom matul l-iżolament tagħhom bħala persuni morda jew issuspettati li huma morda bil-COVID-19 jew li huma kkontaminati minnha, ma jikkostitwixxix "benefiċċju tal-mard", imsemmi f'din id-dispożizzjoni, u għalhekk ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament.**

2) **L-Artikolu 45 TFUE u l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni,**

   **għandhom jiġu interpretati fis-sens li:**

   **jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li bis-saħħa tagħha l-għoti ta' kumpens għal *lucrum cessans* imġarrab mill-ħaddiema minħabba iżolament ordnat wara riżultat pożittiv għat-test ta' screening tal-COVID-19 huwa suġġett għall-kundizzjoni li l-impożizzjoni tal-miżura ta' iżolament tiġi ordnata minn awtorità ta' dan l-Istat Membru skont din il-leġiżlazzjoni.**

Firem